MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tas-27 ta' Mejju, 2005

Appell Civili Numru. 1368/2002/1

**Korporazzjoni Enemalta**

**vs**

**Capua Palace Limited, Angelo Xuereb Limited u l-istess Angelo Xuereb**

**Il-Qorti:**

**<u>PRELIMINARI</u>**

1. Dan huwa appell minn sentenza parzjali tal-5 ta' Novembru 2004, kif awtorizzat b'digriet ta' l-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Civili ta' dakinhar stess;

2. Il-Korporazzjoni attrici ippremettiet illi l-konvenuti jew min minnhom kienu ikkommissjonaw lill-Korporazzjoni attrici sabiex jigi installat “sub-station” fl-Isptar Capua, u dan skond kuntratt datat 8 ta’ Novembru 1994, u skond it-termini u l-kondizzjonijiet hemm indikati; illi skond l-istess ftehim milhuq bejn il-partijiet, il-konvenuti jew min minnhom accettaw li kellu jithallas il-bilanc tal-hlas dovut ghall-installazzjoni msemmija, wara li jkunu hargu l-kontijiet definittivi mill-Korporazzjoni u dan ukoll skond ittra datata 17 ta’ Gunju 1994; illi l-Korporazzjoni kienet fil-fatt installat tali “sub-station” u bdiet topera u tissupplixxi lill-istess sptar minn xi zmien wara li tlestiet u sussegwentement inhareg il-kont definittiv ta’ l-ispejjez; illi fuq tali installazzjoni fadal jithallas lill-Korporazzjoni attrici l-bilanc ta’ LM14,468.67 bilanc ta’ somma akbar in rapprezentanza ta’ installazzjoni ta’ “sub-station” u provista ta’ materjal iehor lil Capua Palace Health Centre; il-Korporazzjoni attrici talbet ghalhekk il-kundanna hlas tal-konvenuti jew min minnhom fl-ammont imsemmi.

**<u>L-ECCEZZJONIJIET TAL-KONVENUTI</u>**

3. Il-konvenuti ecceppew illi preliminarjament ma giex pruvat li hemm rapport bejn il-kontendenti u ghalhekk talbu illi jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju; eccepew il-preskrizzjoni tas-sentejn a tenur ta’ l-Art. 2149(a) u dik tal-hames snin a tenur ta’ l-Artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili; gie rilevat illi t-terminu tal-preskrizzjoni jibda jghaddi hekk kif ix-xoghol gie esegwit; illi minghajr pregudizzju ghall-premess, il-pretensjoni attrici hija esorbitanti u esagerata.

**<u>IS-SENTENZA APPELLATA</u>**

4. Il-Prim Awla tal-Qorti Civili f’sentenza taghha tal-5 ta’ Novembru 2004, cahdet l-eccezzjonijiet tal-preskrizzjoni. Fl-ewwel lok hija irriteniet l-inapplikabilita` ta’ l-Artikolu 2149(a) u illi jekk xejn jista’ jkun applikabbli biss l-Artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili. Il-Qorti qalet illi

*“Il-partijiet jaqblu kif jidher car min-noti ta’ l-osservazzjonijiet taghhom, illi l-perijodu preskrittiv jibda ghaddej minn meta l-azzjoni tkun tista’ tigi ezercitata. Il-Qorti mhix ser tirrepeti dak illi issottomettew il-partijiet*

*ghaliex ikun superfluwu u certament li taqbel ma' dawn is-sottomissjonijiet f'dan is-sens."*

F'din il-kawza il-partijiet strahu fuq l-atti minghajr ma ressqu provi fuq dan il-punt. Billi si tratta ta' prova fuq l-eccezzjoni tal-konvenuti, kien jispetta lilhom li jressqu l-provi dwar dan. Billi dawn naqsu li jaghmluh, il-Qorti irriteniet li jkollha toqghod fuq l-atti processwali li fil-verita` ma tantx kienu illuminanti. Kull ma kienet taf il-Qorti hu li: (1) Il-kuntratt tax-xoghol sar fl-1994, u il-kont tieghu hareg fil-5 ta' Awissu 1997; (2) l-atturi ipprezentaw ittra ufficjali f'Dicembru 2001 li giet notifikata fl-10 ta' Dicembru ta' l-istess sena; u (3) din il-kawza giet prezentata f'Dicembru 2002. Ghalhekk kien isegwi li ai termini ta' l-Artikolu 2130, il-perjodu preskrittiv gie interrott wara erba' snin ghaliex il-Qorti ma ghandhiex prova li l-azzjoni setghet giet intavolata qabel Awissu 1997. Il-Qorti ghalhekk cahdet l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni.

**<u>L-APPELL TAL-KONVENUTI</u>**

5.1 Il-konvenuti appellaw minn din is-sentenza ta' l-ewwel Qorti, fuq l-aggravju li filwaqt illi dik il-Qorti osservat li hemm qbil bejn il-partijiet illi t-terminu jibda jghaddi minn meta azzjoni tista' tigi ezercitata, assumiet, erroneament fil-fehma ta' l-appellanti, li ma hemmx prova dwar meta tlesta x-xoghol u li t-terminu jghaddi minn meta hareg il-kont/fattura.

5.2 L-appellanti jaghmlu referenza ghan-Noti ta' Osservazzjonijiet li gew skambjati. L-ewwel nota tal-parti konvenuta taghmel referenza ghall-punt li ex admissis ma ngabux provi fuqu, izda li ma giex kontradett u implicitament ammess mill-korporazzjoni attrici illi x-xoghol tlesta fl-1995 u l-kont relativ hareg fl-1997. Tant illi l-korporazzjoni attrici ippruvat tissottometti l-inapplikabilita` tal-principju citat u mhux ikkontestat id-data. Fl-Artikolu 4 tal-Memoria (sic) depozitata mill-attrici jinghad "Illi ghar-rigward tat-terminu ta' preskrizzjoni tal-hames snin, l-esponenti bl-ebda mod ma taqbel ma dak li gie eccepit mill-konvenuti li "*it-terminu tal-preskrizzjoni jibda jiddekorri mill-mument li l-obbligazzjoni hija kompletata u mhux minn meta tinhareg fattura jew jintbaghat kont."* Il-bqija tan-

nota hija gustifikazzjoni tal-posizzjoni mehuda mill-konvenuti, kontestata mhux fuq it-termini izda fuq kwistjoni ta’ principju. Fit-tieni nota ta’ sottomissjonijiet tal-konvenuti depozitata fit-13 ta’ Settembru 2004, il-konvenuti regghu ghamlu referenza ghall-posizzjoni taghhom illi x-xoghol tlesta fl-1995 u ghal darb’ohra din il-posizzjoni ma gietx kontradetta.

5.3 Ghalhekk il-konvenuti appellanti jissottomettu illi l-ewwel Qorti ma ghamlitx apprezzament korrett meta qalet illi provi dwar meta tlesta x-xoghol ma kellhiex quddiemha: pjuttost kif jirrizulta mill-atti kien hemm assens fuq il-fatti bejn il-partijiet dwar il-kronologija tal-fatti u cioe` illi x-xoghol spicca fl-1995 izda divergenza ta’ principju: l-attrici tavanza l-posizzjoni illi t-terminu ta’ prekskrizzjoni jibda jghaddi mill-mument li harget il-fattura u cioe` 1997, filwaqt illi l-konvenuti jitilqu mill-posizzjoni mhux kontestata illi x-xoghol gie esegwit fl-interita` fl-1995 u illi minn dak il-mument li t-terminu tal-preskrizzjoni beda jiddekorri. Altrimenti ma taghmilx wisq sens logiku s-sottomissjoni abbli u intelligenti ta’ l-attrici;

5.4 Skond l-appellanti t-terminu tal-preskrizzjoni jibda jghaddi mill-mument illi tista’ tigi ezercitata l-azzjoni u jekk il-Korporazzjoni hadet certu zmien biex harget il-fattura, iz-zmien xorta jiddekorri kontra taghha. Altrimenti, il-preskrizzjoni tista’ tigi interrotta jew addirittura sospiza kemm-il darba kreditur jiddeciedi li ma johrogx fattura, jew li jdum jew idum hafna ma’ johrog fattura (kont) minghajr ebda riflessjoni jew rabta ta’ terminu, b’mod li ‘d-dies a quo’ tal-preskrizzjoni jkun kompletament fid-diskrezzjoni tal-kreditur. A skans ta’ repetizzjoni, l-appellanti jaghmlu referenza ghan-Noti;

5.5 L-appellanti irriservaw illi b’Rikors ad hoc jitolbu illi jigu ammessi jaghmlu provi f’dan l-istadju ta’ l-Appell dwar meta tlesta x-xoghol;

GHALDAQSTANT l-appellanti konvenuti talbu illi din il-Qorti joghgobha thassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-5 ta’ Novembru 2004, fl-ismijiet “Cit. Nru. 1368/2002 JA Korporazzjoni

Enemalta v. Capua Palace Limited, Angelo Xuereb Limited u l-istess Angelo Xuereb”, billi tilqa’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti u konsegwentement tichad it-talbiet attrici bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attrici.

**IR-RISPOSTA TA’ L-APPELL TAL-KORPORAZZJONI ENEMALTA**

6. IL-Korporazzjoni appellata wiegbet hekk:

(1) Illi l-prezenti nota ghandha l-iskop li tirrispondi ghall-appell intavolat mis-socjetajiet konvenuti Capua Palace Limited u Angelo Xuereb Limited u l-konvenut Angelo Xuereb kontra sentenza parzjali moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-seduta tal-5 ta’ Novembru 2004, fl-ismijiet premessi, liema appell qed isir minn sentenza parzjali dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni.

(2) Illi s-sentenza appellata hija gusta u timmerita konferma u dan ghar-ragunijiet segwenti;

(3) Illi l-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza taghha tal-5 ta’ Novembru 2004, cahdet l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-appellanti.

(4) Illi l-ewwel Qorti irriteniet illi l-preskrizzjoni applikabbli fil-kaz in ezami hija dik ta’ hames snin a tenur ta’ l-Artikolu 2156(f) u li t-terminu ta’ hames snin jibda jiddekorri minn meta l-obbligazzjoni jew il-kreditu jsir azzjonabbli. F’dan il-kaz, skond din il-Qorti, iz-zmien beda jiddekorri minn meta hareg il-kont tax-xogholijiet (Dok. C) li kienu saru mill-Korporazzjoni Enemalta.

(5) Illi l-ewwelnett il-Korporazzjoni appellata, dejjem sostniet illi l-kreditu seta’ jsir azzjonabbli hekk kif inhareg il-kont relattiv ghax-xogholijiet in kwistjoni, cioe` f’Awissu 1997. Fil-kaz in kwistjoni t-terminu ta’ hames snin gie interrott wara erba’ (4) snin permezz ta’ ittra ufficjali (Dok. KA1) ai termini ta’ l-Artikolu 2130.

(6) Illi kif sewwa osservat l-ewwel Qorti, l-oneru tal-prova dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni huwa fuq il-konvenuti u ‘f’din il-kawza l-partijiet strahu fuq l-atti minghajr ma ressqu prova fuq dan il-punt.’ Hija fil-fatt

regola ewlenija fil-procedura Civili li 'l-prova li l-azzjoni hija preskritta trid issir minn min inqanqal l-eccezzjoni. Hija l-parti mharrka li trid tipprova li l-parti attrici ghaddielha z-zmien utili biex tressaq il-kawza, u dan minn zmien meta dik il-kawza setghet titressaq.'[1]

L-appellanti argumentaw illi t-terminu ta' hames snin beda jiddekorri minn meta tlestew ix-xogholijiet cioe` fl-1995, pero` kien biss fin-nota ta' osservazzjonijiet illi l-appellanti ressqu dan l-argument. Anki kieku ghall-grazzja ta' l-argument ix-xogholijiet effettivament tlestew fl-1995, l-appellanti qatt ma ressqu prova biex isostnu dan il-fatt. Din l-allegazzjoni tqajjmet biss wara li nghalaq l-istadju ta' gbir ta' provi u ghalhekk il-Korporazzjoni appellata qatt ma setghet iggib prova li dan mhuwiex minnu.

(7) Illi l-appellanti fir-rikors ta' l-appell jissottomettu illi '<u>kif jirrizulta mill-atti</u> kien hemm assens fuq il-fatti bejn il-partijiet dwar il-kronologija tal-fatti u cioe` illi x-xoghol spicca fl-1995.' Il-Korporazzjoni Enemalta ma taqbilx ma' din id-dikjarazzjoni u huwa proprju ghalhekk li l-partijiet spiccaw quddiem il-Qorti ta' l-Appell.

Illi anki kieku stess kien hemm assens fuq il-fatti kif jirrizultaw mill-atti, mill-atti qatt ma irrizulta illi x-xogholijiet in kwistjoni spiccaw fl-1995. Inoltre l-Korporazzjoni Enemalta ma taqbilx ma' dak li qeghdin isostnu l-appellanti cioe` li x-xogholijiet spiccaw fl-1995. Tant hu hekk illi l-appellati baqghu isostnu illi l-kreditu kien azzjonabbli minn meta hareg il-kont peress li ma setghetx tigi stabbilita d-data meta tlestew ix-xogholijiet. Il-fatt li l-appellanti qatt ma gabu prova dwar dan juri kif fil-fatt dan huwa minnu. Id-data minn meta bdew jiddekorru l-hames snin a tenur ta' l-Artikolu 2156(f) kellha bilfors tkun dik meta hareg il-kont peress li ma setghetx tigi stabbilita 'completion date' tax-xogholijiet.

8. Illi l-appellanti naqsu milli jressqu provi biex juru li z-zmien tal-preskrizzjoni beda jiddekorri minn meta tlestew ix-xogholijiet u kien ghalhekk illi l-Prim Awla tal-

[1] *Stencil Pave (Malta) Limited v. Dr. Maria Deguara* deciza 30.10.2003 mill-Prim Awla tal-Qorti Civili

Qorti Civili waslet ghall-konkluzjoni taghha u cahdet l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni. A bazi tal-provi prodotti l-ewwel Qorti osservat illi l-informazzjoni li kellha quddiemha kienet tikkonsisti:

a) f'kuntratt tax-xoghol li sar fl-1994

b) kont li hareg fil-5 ta' Awissu, 1997

c) ittra ufficjali pprezentata f'Dicembru 2001 mill-atturi u notifikata fl-10 ta' Dicembru ta' l-istess sena

d) kawza li giet prezentata f'Dicembru 2002.

Ghalhekk l-ewwel Qorti ikkonkludiet li 'ai termini ta' l-Artikolu 2130 il-perijodu preskrittiv gie interrott wara erba' snin'.

**KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI**

7. Mill-provi jirrizulta li l-Korporazzjoni Enemalta giet ikkummissjonata mis-socjeta` appellanti biex din tinstalla "sub-station" fl-isptar Capua, u sar ftehim dwaru, u dan l-inkarigu gie wkoll esegwit. Il-Korporazzjoni appellata dehrilha li kien ghadu dovut lejha, bhala hlas, il-bilanc ta' LM14,468.97c relattivament ghal dan ix-xoghol u materjal li intuza, liema ammont, skond hi, baqa' skopert. Hija kwindi harrket lis-socjeta` appellanti b'citazzjoni li giet ipprezentata fit-2 ta' Dicembru, 2002. Jirrizulta inoltre mill-atti tal-kawza li fl-4 ta' Dicembru 2001, il-Korporazzjoni Enemalta baghtet ittra ufficjali lill-kontro-parti sabiex inter alia tinterrompi l-preskrizzjoni – ara Dok A1 a fol. 31 tal-process. Is-socjeta` konvenuta appellanti eccepiet, fost diversi eccezzjonijiet ohra, li l-azzjoni tal-Korporazzjoni Enemalta kienet kolpita bil-preskrizzjoni kwinkwennali a tenur ta' l-Artikolu 2156(a) tal-Kap. 16. Originarjament hija invokat ukoll favuriha l-preskrizzjoni aqsar tas-sentejn a tenur ta' l-Artikolu 2149(a) ta' l-istess Kap., izda kien jidher evidenti li, se mai, il-preskrizzjoni talvolta applikabbli f'dan il-kaz kienet dik ta' hames snin, trattandosi hawn ta' ftehim ta' appalt in iskritt u li kien jinvolvi wkoll socjetajiet kummercjali.

8. Il-pern tal-kwistjoni jirrigwarda d-data ta' meta kellha titqies li kellha tibda tiddekorri din il-preskrizzjoni – jigifieri d-"*dies a quo*"

Skond il-Korporazzjoni Enemalta dan il-perijodu kellu jibda mid-data ta' meta hija baghtet il-kont dovut, jigifieri fil-5 ta' Awissu 1997, mentri skond is-socjeta` appellanti d-*dies a quo* bdew mill-mument li tlesta x-xoghol, jigifieri, u dejjem pero` kif qeghda tippretendi s-socjeta` appellanti, fis-sena 1995 (id-data ezatta ma hijiex ipprecizata, ara para. 5 tan-nota responsiva ta' sottomissjonijiet, a fol. 26 tal-process).

9. L-ewwel Qorti, fil-parti krucjali tad-decizjoni meritu ta' dan l-appell, immotivat ir-raguni taghha ghac-cahda ta' l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni in kwantu irriteniet,
"Illi ghalhekk ai termini ta' l-Artikolu 2130 il-perjodu preskrittiv gie interrott wara erba' snin ghaliex il-Qorti ma ghandhiex prova li l-azzjoni setghet giet intavolata qabel Awissu 1997 u cioe` meta nhareg il-kont. Il-Qorti ma tistax taccetta leggerment li x-xoghol kien lest fl-1995. Din hija allegazzjoni tal-konvenuti illi b'ebda mod ma giet pruvata."

10. Il-lanjanza ewlenija tas-socjeta` konvenuta appellanti hija dik li filwaqt li l-ewwel Qorti qablet mal-partijiet li t-terminu preskrittiv kellu jibda jghaddi minn meta l-azzjoni setghet giet ezercitata, l-istess Qorti erronjament assumiet li ma saritx il-prova dwar meta tlesta x-xoghol u li t-terminu, skond il-Qorti, kellu jghaddi minn meta hareg il-kont/fattura. Hija ghamlet ukoll referenza ghan-nota ta' osservazzjonijiet gia` pprezentata quddiem l-ewwel Qorti biex turi li dan il-punt dwar meta gie ikkompletat ix-xoghol "ma giex kontradett u gie implicitament ammess mill-attrici illi x-xoghol tlesta fl-1995 u l-kont hareg fl-1997", liema posizzjoni giet ghal darb'ohra ribadita fin-nota taghhom ulterjuri tat-13 ta' Settembru, 2004. Kien hemm kwindi apprezzament zbaljat ta' l-istess provi. Kieku kien xort'ohra, ikun allura jfisser li,
"Altrimenti, il-preskrizzjoni tista' (tigi) interrotta jew addirittura sospiza kemm-il darba l-kreditur jiddeciedi li ma

johrogx fattura, jew li jdum jew idum hafna ma johrog fattura (kont) minghajr ebda riflessjoni jew rabta ta' terminu, b'mod li d-dies a quo tal-preskrizzjoni ikun kompletament fid-diskrezzjoni tal-kreditur."

11. Din il-Qorti, wara li ezaminat l-atti u hadet kont tas-sottomissjonijiet ta' naha u ta' ohra, jidhrilha li s-sentenza appellata kienet wahda sostanzjalment gusta u korretta u li ghalhekk ma hemmx lok ghar-revoka taghha kif qeghdha titlob is-socjeta` appellanti.

12. Huwa minnu, u fuq dan il-punt il-Qorti hija konkordi mas-socjeta` appellanti, li jkun skorrett li kieku kellu jitqies li l-preskrizzjoni tibda tiddekorri mill-mument li l-kreditur joghgbu jibghat il-kont tal-kreditu dovut lilu lid-debitur ghaliex inkella tassew ikun ifisser li dak li tistipula l-ligi dwar il-preskrizzjoni jkun gie iffrustrat u rez ghal kollox wiehed incert u arbitrarju. Taqbel ukoll din il-Qorti mas-socjeta` appellanti li jaghmel aktar sens li torbot il-perijodu in kwistjoni mad-data ta' meta giet kompletata l-obbligazzjoni, u li taht dan l-aspett isegwi li d-data ta' meta gie mitmum ix-xoghol hija certament fattur mill-iktar relevanti. Fl-istess hin pero` din il-Qorti ma tistax taqbel mas-socjeta` appellanti li din id-data meta ntemm ix-xoghol ghandu jkun l-uniku fattur li fuqu jiddependi kollox. Dan ghaliex jistghu facilment jinqalghu cirkostanzi, u f'dan il-kaz hekk proprju gara, fejn il-partijiet involuti talbu u htiegilhom jirrikorru ghal kjarifiki u accertament ulterjuri reciproci dwar il-kont, li jkun ifisser ukoll li l-preskrizzjoni tkun qeghda tigi sospiza jew interrotta. Minbarra dan, is-socjeta` appellanti kienet skorretta meta issottomettiet li l-ewwel Qorti issottoskriviet mat-tezi tal-Korporazzjoni li l-punt tat-tluq, ghall-fini ta' preskrizzjoni, kien abbinat mad-data ta' meta gie mibghut il-kont fl-1997. Dak li proprjament irriteniet l-ewwel Qorti kien li, in assenza tal-prova rigwardanti meta seta' jitqies li gie tassew itterminat ix-xoghol de quo, liema prova kienet tispetta lil min eccepiha, allura kien isegwi li l-Qorti kellha tistrieh fuq id-data ta' meta ntbaghat il-kont fl-1997, kif interrott bl-ittra ufficjali surreferita.

13. Ghalhekk, il-punt dwar jekk saritx jew le l-prova dwar meta tlesta x-xoghol, u jekk din kienitx effettivament "implicitament ammessa" u "mhux kontradetta" mill-Korporazzjoni appellata, kif qed jigi sottomess mis-socjeta` appellanti, ghandha riljev sinjifikanti fuq ir-rizoluzzjoni ta' dan l-appell.

14. Din il-Qorti ezaminat l-atti tal-kawza u ma jidhrilhiex li s-socjeta` appellanti ghamlet din il-prova vitali, u lanqas ma tinsab konvinta li l-kontro-parti accettat li x-xoghol, ossija l-obbligazzjoni minnha assunta, intemmet in definittiva fl-1995. Anzi, din il-Qorti hija tal-fehma li lanqas is-socjeta` appellanti ma temmen dan. Hekk, per ezempju, l-istess appellanti issottomettiet hekk (ara para. 5 tan-nota taghha, a fol. 26 tal-process,ipprezentata fis-6 ta' Jannar 2004),
"Illi d-dritt tal-Korporazzjoni li tesigi l-pagament, li tezercita l-azzjoni ovvjament beda jezisti malli spicca xoghol (sic) u allura huwa mid-dat (<u>recte</u> data) ta' meta spicca x-xoghol li beda jghaddi z-zmien utli ghall-preskrizzjoni. <u>Dan il-fatt ma jorhogx</u> (recte johrogx) <u>mill-provi quddiem il-Qorti u ghalhekk l-esponenti jitolbu li fuq dan il-punt ukoll iressqu l-provi</u>…."

It-"talba" tas-socjeta` appellanti baqghet fl-arja fis-sens li ma nghata ebda provvediment dwarha, u lanqas pero` ma kien hemm insistenza aktar dwarha min-naha ta' min talabha. Minbarra dan, jirrizulta li wara li fis-seduta tal-15 ta' Marzu 2004, il-kawza thalliet ghas-sentenza ghad-9 ta' Gunju 2004, fil-fatt il-prolazzjoni tas-sentenza giet sospiza, u l-Korporazzjoni giet ordnata tipprezenta kopja ta' l-ittra ufficjali li hija baghtet u l-kawza thalliet ghal dan l-iskop ghat-28 ta' Gunju, 2004. Fit-13 ta' Settembru 2004, imbaghad l-appellanti ipprezentat nota qasira biex turi li qatt ma kienet sehhet interruzzjoni tal-preseruzzjoni, u filwaqt li tenniet mill-gdid li x-xoghol, skond hi, gie terminat fis-sena 1995, <u>ma insistitx ukoll biex tressaq din il-prova</u>. Mhux hekk biss pero` talli fl-istadju ta' l-appell, fir-rikors promotorju, insibu inoltre s-segwenti (ara para. numru 9 tar-Rikors, a fol. 51),

"9. Illi l-esponenti qeghdin jirrizervaw minn issa illi b'rikors <u>ad hoc</u> jitolbu illi jigu ammessi jaghmlu provi f'dan l-istadju ta' l-appell dwar meta tlesta x-xoghol."

Din il-Qorti jidhrilha ukoll li apparti s-suespost, kienu jissussistu certi cirkostanzi ohra li kienu jimmilitaw addizzjonalment kontra t-tezi tas-socjeta` appellanti, liema cirkostanzi ghal xi raguni ftit li xejn gew moghtija importanza. Din il-Qorti gia` esprimiet ruhha <u>supra</u> fis-sens li mhux korrett li jinghad li appena jintemm ix-xoghol involut tibda necessarjament tiskatta l-preskrizzjoni u li dan l-istat ta' fatt jibqa' hekk inezorabilment.

16. Minn ezami tal-provi akkwiziti jirrizulta li ta' lanqas sad-data tad-29 ta' Ottubru 1999, <u>is-socjeta` appellanti kienet ghadha ghaddejja bi skambi ta' korrispondenza mal-kontro-parti biex jigi stabbilit darba ghal dejjem jekk din kienitx tassew debitrici jew le</u> – hekk ara ittra Dok KA2 a fol. 32 tal-process, li taghmel riferenza ghal ittra precedenti taghha tal-10 ta' Mejju, 1999, (li pero` ghal xi raguni ma gietx esebita fl-atti tal-kawza). Issa, filwaqt li huwa minnu li s-socjeta` appellanti kitbet lill-Korporazzjoni li "your claim cannot be accepted" (fol. 33), izda fl-istess ittra nsibu d-dicitura segwenti,
"Item Labour: Figure is overpriced and therefore a detailed breakdown of manhours and hourly rate is required."

Fil-fehma konsiderata ta' din il-Qorti, is-socjeta` appellanti ma setghetx tippretendi li fl-istess waqt li hija qeghda titlob lill-kontro-parti biex din tforniha b'aktar dettalji u kjarifiki dwar dak allegatament dovut minnha, u fl-istess waqt tippretendi anke li favuriha kien baqa' ghaddej it-terminu preskrittiv. Is-socjeta` kellha kull dritt li tesigi "breakdown" u kjarifiki ulterjuri minghand il-kontro-parti, dato li hija kellha ragunijiet x'tahseb li l-kont mitlub kien wiehed esagerat u mhux sufficjentement spjegat, imma meta, u appena, hija ghazlet li tidhol fi trattativi utli bhal dawn, kien ifisser li t-terminu preskrittiv kellu certament jitqies bhala li gie sospiz.

Ghalhekk l-aggravju tal-konvenuti appellanti jirrizulta li huwa infondat.

Ghal dawn ir-ragunijiet, tiddeciedi billi, filwaqt li tikkonferma s-sentenza in parte appellata relativament ghall-eccezzjoni ta’ preskrizzjoni tichad l-appell tal-konvenuti, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontrihom, u tordna wkoll li l-atti tal-kawza jigu rimessi quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili biex tkompli tisma’ l-kawza fil-mertu skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------